RIŻOLUZZJONI (UE) 2023/1838 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2023

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, Taqsima IX — Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, Taqsima IX — Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0070/2023),

A. billi, fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza, l-awtorità ta' kwittanza tixtieq tisħaq fuq l-importanza partikolari li tissaħħaħ aktar il-leġittimità demokratika tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni permezz ta' titjib fit-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont u permezz tal-implimentazzjoni tal-kunċett ta' bbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni u governanza tajba tar-riżorsi umani;

B. billi l-protezzjoni tad-*data* hija dritt fundamentali, protett mil-liġi Ewropea u minqux fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

C. billi l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li l-konformità mar-regoli relatati mal-protezzjoni tal-individwi, fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali dwarhom, għandha tkun soġġetta għal kontroll minn awtorità indipendenti;

D. billi r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jipprevedi l-istabbiliment ta' awtorità indipendenti, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ("il-Kontrollur"), responsabbli mill-protezzjoni u l-garanzija tad-dritt għall-protezzjoni tad-*data* u għall-privatezza, u inkarigat biex jiżgura li l-istituzzjonijiet u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni jħaddnu kultura b'saħħitha ta' protezzjoni tad-*data*;

E. billi l-Kontrollur iwettaq il-funzjonijiet tiegħu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtoritajiet għall-Protezzjoni tad-*Data* (DPAs) sħab bħala parti mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPB), u jservi l-interess pubbliku filwaqt li jkun iggwidat mill-prinċipji tal-imparzjalità, l-integrità, it-trasparenza u l-pragmatiżmu;

F. billi l-Kontrollur għandu jiddelega s-setgħat tal-Uffiċjal Awtorizzanti lid-Direttur f'konformità mal-karta tal-kompiti u r-responsabbiltajiet li jikkonċernaw il-baġit u l-amministrazzjoni tal-Kontrollur ipprovduti f'konformità mal-Artikolu 72(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), filwaqt li l-funzjoni tal-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kontrollur għandha titwettaq mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* tal-1 ta' Marzu 2017;

([1]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

([2]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

1. Jinnota li l-baġit tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (il-"Kontrollur") jaqa' taħt l-intestatura 7 tal-QFP, "Amministrazzjoni pubblika Ewropea", li kien jammonta għal total ta' EUR 10,7 biljun fl-2021; jinnota li l-Kontrollur huwa istituzzjoni relattivament żgħira li l-baġit tagħha jirrappreżenta biss madwar 0,18 % tal-baġit amministrattiv totali;

2. Jinnota li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-"Qorti") fir-Rapport Annwali tagħha għas-sena finanzjarja 2021 żiedet il-kampjun tagħha ta' tranżazzjonijiet taħt "Amministrazzjoni" minn 48 fl-2020 għal 60 fl-2021;

3. Jinnota li l-Qorti ssemmi li l-ħidma tagħha fuq bosta snin tindika li b'mod ġenerali dan l-infiq huwa ta' riskju baxx; jinnota, madankollu, li r-Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2021 ma jipprovdi l-ebda informazzjoni rilevanti dwar il-Kontrollur u jistieden lill-Qorti tinkludi, fir-rapporti annwali li jmiss, *data* komprensiva dwar it-twettiq sħiħ tar-rekwiżiti kollha meħtieġa għal proċedura ta' kwittanza konsistenti;

4. Jinnota b'sodisfazzjon li fir-Rapport Annwali tiegħu għas-sena finanzjarja 2021, il-Qorti tinnota li ma identifikat l-ebda kwistjoni speċifika li tikkonċerna lill-Kontrollur;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

5. Jinnota li l-baġit għall-Kontrollur ikopri wkoll il-ħidma tas-Segretarjat indipendenti tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (il-"Bord"), fejn il-Kontrollur ikun membru u jipprovdi persunal lis-Segretarjat;

6. Jilqa' r-Rapport Annwali tal-2021 ippubblikat mill-Kontrollur; jinnota li fl-2020 il-Kontrollur laħaq jew qabeż il-miri stabbiliti fi tmienja minn disa' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs);

7. Jinnota li l-baġit għall-Kontrollur kien ta' EUR 19 463 193 għall-2021, li jirrappreżenta tnaqqis marġinali ta' 0,07 % meta mqabbel mal-2020; madankollu, dan għandu jiġi vvalutat ukoll fl-isfond li l-baġit żdied b'16,3 % mill-2019 sal-2020, li jikkoinċidi mal-bidu tal-pandemija tal-COVID-19 u maż-żieda relatata fl-ammont ta' xogħol;

8. Jinnota wkoll li r-rata ta' implimentazzjoni tal-baġit kienet ta' 86 % għas-sena 2021, li tirrappreżenta żieda sinifikanti mill-2020 fejn ir-rata ta' implimentazzjoni kienet ta' 73 %; jirrikonoxxi li anke għall-2021, l-implimentazzjoni tal-baġit kienet affettwata ħafna mill-pandemija tal-COVID-19, li l-ewwel u qabel kollox illimitat severament avvenimenti fiżiċi, konferenzi u missjonijiet;

9. Jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni fl-2021 kienet ta' 89,60 % u ż-żmien medju għall-pagament kien ta' 19,98-il jum; iħeġġeġ lill-Kontrollur inaqqas id-dewmien għall-pagamenti bl-użu ta' soluzzjonijiet elettroniċi, li jikkontribwixxi biex l-awtoritajiet pubbliċi jsiru aktar trasparenti u sostenibbli;

10. Jilqa' l-fatt li l-Kontrollur, matul l-2021, kompla jimplimenta l-approċċ biex jintlaħaq livell ogħla ta' effiċjenza amministrattiva bl-użu ta' ftehimiet dwar il-livell ta' servizz u ikun hemm parteċipazzjoni f'kuntratti qafas interistituzzjonali kbar;

Ġestjoni interna, prestazzjoni u kontroll intern

11. Jirrikonoxxi li l-2021 kienet ukoll sena ta' sfida, mhux l-inqas minħabba l-pandemija tal-COVID-19, li ħolqot il-ħtieġa immedjata tas-salvagwardja tal-benesseri tal-persunal u fl-istess ħin ħolqot kompiti ġodda, inklużi l-istabbiliment taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u l-monitoraġġ tal-Formoli tal-Lokalizzazzjoni tal-Passiġġieri, tal-apps għat-traċċar tal-kuntatti, u teknoloġiji oħra użati għall-ġlieda kontra l-virus, u filwaqt li ġie żgurat li dawn kienu kompletament konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali;

12. Jilqa' l-fatt li l-Kontrollur ħoloq minnufih task force intern għall-COVID-19 biex jiġu mmonitorjati u vvalutati b'mod attiv it-tweġibiet tal-Unjoni għall-pandemija, ħaġa li ħolqot dubji u tħassib dwar il-protezzjoni tad-*data* personali u d-drittijiet tal-privatezza tal-individwi; jilqa' wkoll il-fatt li l-Kontrollur nieda kompetizzjoni biex jiġu impjegati aktar esperti speċjalizzati dwar il-protezzjoni tad-*data* u adatta l-organizzazzjoni interna biex tirrifletti ż-żieda fl-ammont ta' xogħol fuq il-protezzjoni tad-*data*;

13. Jilqa' l-fatt li l-Kontrollur, fit-tweġibiet tiegħu għar-riżoluzzjoni ta' kwittanza tas-sena l-oħra, isemmi li ddeċieda li jsaħħaħ il-kontrolli *ex ante* permezz ta' listi ta' kontroll xierqa u ddeċieda li jimpjega membru wieħed tal-persunal full-time għall-funzjoni ta' Koordinatur tal-Kontroll Intern sabiex itejjeb il-proċeduri interni u jagħmel l-organizzazzjoni aktar effiċjenti mill-ewwel trimestru tal-2023;

14. Jilqa' l-fatt li l-Kontrollur involva ruħu f'eżerċizzju ta' rieżami tal-Kontinwità tal-Operat u tal-Ġestjoni tal-Kriżijiet ma' partijiet ikkonċernati interni u esterni rilevanti wara valutazzjoni interna tat-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19, kif imħeġġa wkoll mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-2020; jifhem li l-proċess għadu għaddej u jistenna li jibbenefika mit-tagħlimiet meħuda u l-miżuri possibbli meħuda bħala parti mill-proċedura ta' kwittanza tal-2022;

Riżorsi umani, ugwaljanza u benesseri tal-persunal

15. Jinnota li, fi tmiem l-2021, il-Kontrollur kellu 132 membru tal-persunal, li jirrappreżenta żieda żgħira mill-aħħar tal-2020 fejn kien hemm 124 membru tal-persunal u żieda sinifikanti mill-aħħar tal-2019, fejn kien hemm 107 membri tal-persunal; jinnota bi tħassib li l-għadd ta' aġenti kuntrattwali żdied minn 37 fi tmiem l-2020 għal 49 fi tmiem l-2021, filwaqt li l-għadd ta' uffiċjali naqas minn 72 għal 68 matul l-istess perjodu; iħeġġeġ lill-Kontrollur jipprovdi kuntratti permanenti lill-impjegati tiegħu biex jiggarantixxi l-kontinwità tal-operat u s-sigurtà tax-xogħol; jissottolinja li l-Kontrollur qed jiffaċċja sfidi biex jattira speċjalisti bl-għarfien espert meħtieġ f'oqsma speċifiċi u jħeġġeġ lill-Kontrollur jesplora modi kif tiżdied il-viżibbiltà tal-pożizzjonijiet vakanti tiegħu;

16. Jieħu nota li l-Kontrollur kellu jittratta erba' darbiet aktar konsultazzjonijiet leġiżlattivi meta mqabbel mal-2019, u jinnota li hemm biss membru wieħed ġdid tal-persunal biex jassorbi din iż-żieda fl-ammont ta' xogħol; jinnota wkoll li s-settijiet ta' *data* fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni, li l-Kontrollur huwa responsabbli għall-monitoraġġ tagħhom, qed jiżdiedu wkoll drastikament;

17. Jinnota b'sodisfazzjon li fi tmiem l-2021, l-għadd ta' nazzjonalitajiet tal-Unjoni rrappreżentati fost il-persunal kompla jiżdied għal 21 meta mqabbel ma' 20 fi tmiem l-2020; jinnota wkoll li r-rappreżentanza ta' aktar nazzjonalitajiet għenet biex jiġi żviluppat bilanċ ġeografiku aħjar fl-istituzzjoni; jistieden lill-Kontrollur ikompli jippromwovi wkoll opportunitajiet indaqs u bilanċ ġeografiku għall-pożizzjonijiet maniġerjali medji u superjuri;

18. Jinnota li filwaqt li ż-żewġ pożizzjonijiet maniġerjali superjuri huma okkupati mill-irġiel, in-nisa jkopru 75 % (3 minn 4) tal-pożizzjonijiet ta' maniġers medji; jinnota li fost il-kategoriji minn GFII sa GFIV, 38 minn 48 persuna, ekwivalenti għal kważi 80 %, kienu nisa; jinnota wkoll li n-nisa jkopru 63 % tal-forza tax-xogħol totali fl-2021, żieda minn 58 % fl-2020;

19. Jilqa' l-fatt li l-Kontrollur, fit-tweġibiet tiegħu għar-riżoluzzjoni ta' kwittanza tas-sena l-oħra, isemmi li l-persunal tar-riżorsi umani tal-Kontrollur regolarment isegwi t-taħriġ "Preġudizzju Inkonsapevoli fl-Għażla u fir-Reklutaġġ" sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni tajba tal-Istrateġija għall-Opportunitajiet Indaqs;

20. Jinnota li r-rata ta' okkupazzjoni fi tmiem l-2021 kienet ta' 88 %, li hija pjuttost baxxa; jifhem fl-istess ħin li uħud mill-proċeduri ta' selezzjoni kienu għadhom għaddejjin fi tmiem l-2021, filwaqt li xi pożizzjonijiet inżammu miftuħa b'antiċipazzjoni għal-lista tal-kandidati li jirnexxu fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* li ġiet ppubblikata fi tmiem l-ewwel semestru tal-2022; jinnota wkoll li l-ebda kariga maniġerjali superjuri jew medja ma kienet vakanti matul l-2021;

21. Jilqa' l-fatt li l-Kontrollur żgura l-benesseri mentali kemm tal-persunal tal-Kontrollur kif ukoll tal-Bord matul il-pandemija tal-COVID-19, inkluż, fost l-oħrajn, biex jingħata taħriġ kemm fuq bażi individwali kif ukoll bħala tim;

22. Jilqa' l-fatt li l-Kontrollur żviluppa s-sistema għal arranġamenti ta' xogħol flessibbli, inkluż permezz tar-reġim tal-ħin flessibbli li jippermetti lill-persunal jiddeċiedi fuq bażi ta' kuljum meta jibda u jispiċċa x-xogħol tiegħu bejn is-7.00 u t-20.30; jilqa' wkoll li l-Kontrollur ħoloq ukoll sistema li biha l-persunal jista' jakkumula s-sahra, li tista' tiġi kkumpensata;

23. Jinnota li r-regoli attwali jippermettu lill-membri tal-persunal jagħmlu telexogħol sa tlett ijiem fil-ġimgħa u bi qbil mas-superjur ġerarkiku dirett, u xi membri tal-persunal jistgħu jitħallew jaħdmu għal aktar minn 60 % bħala telexogħol; jilqa' l-fatt li r-regoli tat-telexogħol jippermettu lill-persunal jaħdem barra mill-post tax-xogħol għal massimu ta' 15-il jum fis-sena bil-possibbiltà li jżid 15-il jum oħra bl-approvazzjoni tal-awtorità tal-ħatra; iħeġġeġ lill-Kontrollur jippermetti t-telexogħol kull meta jkun possibbli jekk il-membri tal-persunal jitolbu dan;

24. Jieħu nota li l-Kontrollur bħalissa qed jistabbilixxi grupp ta' ħidma biex jiżviluppa approċċ strateġiku sabiex jiżgura li l-ammont ta' xogħol ikun kondiviż u distribwit b'mod ugwali fost il-persunal, abbażi tar-riżultati tal-istħarriġiet dwar is-Sodisfazzjon tal-Persunal; jilqa' l-fatt li matul l-2021 ma ġie rrapportat l-ebda każ ta' eżawriment; jilqa' wkoll il-fatt li l-għadd ta' persuni fuq liv tal-mard u l-għadd ta' jiem ta' assenza minħabba liv tal-mard naqas fl-2021 meta mqabbel mal-2020;

25. Jilqa' l-fatt li fl-2021 ma ġie rrapportat l-ebda każ ta' fastidju psikoloġiku jew sesswali u li l-Kontrollur jiżgura li se jibqa' viġilanti biex jiżgura li ma jseħħ l-ebda każ bħal dan fil-futur;

26. Jilqa' l-fatt li l-Kontrollur u l-Bord jirreklutaw għadd relattivament kbir ta' trainees meta mqabbel mad-daqs tal-istituzzjoni tagħhom; jilqa' wkoll il-fatt li t-tmien trainees kollha reklutati f'Marzu 2021 u d-disa' trainees reklutati f'Ottubru 2021 irċevew remunerazzjoni;

Qafas etiku u trasparenza

27. Jinnota li l-Qafas Etiku tal-Kontrollur, li ġie aġġornat fl-2019, fost affarijiet oħra, jinkludi taħriġ obbligatorju ta' introduzzjoni għal impjegati ġodda dwar il-fastidju, il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess u oqsma etiċi oħra; jinnota li 25 persuna rċevew taħriġ dwar dawn l-oqsma matul l-2021 u li l-persunal kollu li qed jissieħeb fl-istituzzjoni jrid jiffirma Dikjarazzjoni ta' Kunfidenzjalità u jeħtieġlu jiddikjara nuqqas ta' kunflitti ta' interess; jilqa' wkoll il-fatt li matul l-2022 se tiżdied sessjoni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta;

28. Jitlob lill-Kontrollur jipprovdi informazzjoni dwar il-kodiċi ta' kondotta għal karigi ta' maniġment superjuri li ddeċieda li jibda jabbozza;

29. Jilqa' l-fatt li matul l-2021 ma kien hemm l-ebda investigazzjoni tal-OLAF li kienet tinvolvi membri tal-persunal mill-Kontrollur jew mill-Bord; jinnota li fl-2021 kien hemm każ wieħed tal-Ombudsman Ewropew li kien jinvolvi lill-Kontrollur, li kien magħluq bil-konklużjoni li kien ġie solvut u għalhekk ma ġiet indirizzata l-ebda rakkomandazzjoni lill-Kontrollur; jilqa' wkoll il-fatt li ma kien hemm l-ebda każ ta' kunflitti ta' interess jew ta' żvelar ta' informazzjoni protetta fl-2021;

30. Jinnota li bħalissa l-Kontrollur ma jużax ir-Reġistru tat-Trasparenza Interistituzzjonali iżda li l-Aġenda, il-laqgħat reġistrati u l-interventi tal-Kontrollur, inklużi l-laqgħat mar-rappreżentanti tal-interessi jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Kontrollur; jistieden lill-kontrollur jiffinalizza l-analiżi interna tiegħu tal-għażliet disponibbli u biex jingħaqad mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar reġistru ta' trasparenza obbligatorju;

31. Jilqa' s-segwitu li sar mill-Kontrollur dwar talba għall-aċċess għad-*data* ta' ċittadin; jenfasizza, madankollu, li l-Kontrollur ħareġ deċiżjoni fil-każ qabel ma l-fatti kollha kienu ġew ivverifikati u stabbiliti, għalkemm il-proċedura ta' lment kienet ilha għaddejja għal aktar minn sentejn u kienet għadha għaddejja fi tmiem l-2022; jistieden lill-Kontrollur jirrieżamina r-regoli ta' proċedura tagħha biex jiġi żgurat rieżami effiċjenti u f'waqtu tal-ilmenti miċ-ċittadini filwaqt li titqies l-informazzjoni kollha rilevanti ([3]);

([3]) Dan jirrigwarda l-każ tas-Sur van der Linde, ċittadin Netherlandiż; il-każ ġie rrappurtat fil-media. Kieku l-proċedura sħiħa setgħet tiġi ttrattata b'aktar ħeffa, kieku ċ-ċittadin seta' jkun sodisfatt bl-eżitu tal-ilment imressaq quddiem l-EDPS (l-ilment intbagħat lill-EDPS fit-tieni nofs tal-2020).

32. Jinnota li fl-2021 ma kien hemm l-ebda każ ta' membri tal-persunal li ħallew l-istituzzjoni sabiex jingħaqdu massettur privat u l-ebda każ li jinvolvi perjodi ta' preklużjoni; jilqa' l-fatt li ma kien hemm l-ebda każ ta' eks MEPs, Kummissarji jew uffiċjali ta' livell għoli (mill-AD14) li rċevew flus mill-baġit bħala konsulenti jew oħrajn;

33. Jitlob li jintemm l-użu ta' kumpaniji esterni li, skont il-klassifikazzjoni tal-Università ta' Yale ([4]), għadhom qed joperaw fir-Russja;

Diġitalizzazzjoni, ċibersigurtà u protezzjoni tad-*data*

34. Jinnota li l-impenji baġitarji għas-sena 2021 kienu 20 % ogħla mill-2020 fir-rigward tal-proġetti u t-tagħmir tal-IT, inkluż it-tagħmir tal-vidjokonferenzi, u dan ippermetta li jsiru laqgħat ibridi fl-organizzazzjoni;

35. Jirrikonoxxi li ħafna funzjonijiet ċentrali tal-IT, inkluż fil-qasam taċ-ċibersigurtà huma pprovduti mill-Parlament Ewropew bħala l-Fornitur ta' Servizzi Korporattivi u s-CERT-EU (l-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters); jitlob lill-Kontrollur iżomm ħarsa ġenerali fuq id-*data* personali skambjata fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni bil-għan li tiġi żgurata ċ-ċibersigurtà; jilqa' l-fatt li, madankollu, l-Kontrollur qed jieħu passi biex itejjeb l-effettività u s-sigurtà diġitali tiegħu, inkluż billi jipprovdi taħriġ regolari ta' sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà għall-persunal kollu tiegħu, inkluż taħriġ ta' introduzzjoni għal dawk ġodda;

36. Japprezza l-fatt li l-Kontrollur ikompli jmexxi u juri l-użu ta' għodod b'sors miftuħ għall-prevenzjoni tal-intrappolament tal-klijentela, għaż-żamma tal-kontroll fuq is-sistemi tekniċi, għall-għoti ta' salvagwardji aktar b'saħħithom għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* tal-utent, u għaż-żieda fis-sigurtà u t-trasparenza għall-pubbliku, bħala alternattiva għal għodod proprjetarji; iħeġġeġ lill-Kontrollur jikkomunika dawn il-kunsiderazzjonijiet lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni;

37. Jilqa' l-inizjattiva l-ġdida TechSonar li għandha l-għan li timmonitorja xejriet teknoloġiċi emerġenti biex wieħed jifhem aħjar l-impatt potenzjali tagħhom fuq l-individwi u biex jiġi żgurat futur diġitali sostenibbli fejn il-protezzjoni tad-*data* personali tkun iggarantita;

38. Ifakkar li l-volum ta' xogħol tal-Kontrollur x'aktarx li jiżdied aktar minħabba x-xejra dejjem tikber tad-diġitalizzazzjoni fl-Unjoni, ir-reviżjoni tal-mandati tal-aġenziji u l-inizjattivi ppreżentati mill-Kummissjoni, speċjalment fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, b'mod partikolari l-opinjonijiet dwar il-mandat tal-Europol, dwar l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u dak dwar is-Swieq Diġitali, dwar id-Direttiva NIS 2.0 u l-opinjonijiet konġunti dwar l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u ċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE; japprezza l-kontribut tal-Kontrollur għall-ħidma leġiżlattiva b'kooperazzjoni mal-Bord; jisħaq fuq l-importanza li r-riżorsi umani u finanzjarji jiġu adattati għall-volum ta' xogħol dejjem ikber u li l-baġit tal-Kontrollur jiżdied b'mod korrispondenti;

Binjiet

39. Jinnota li wara t-tluq tal-Ombudsman Ewropew fl-aħħar ta' Ottubru 2021, il-Kontrollur u l-Bord saru l-uniċi li kienu qed jikru l-bini ta' rue Montoyer 30 fi Brussell, li jinkrielhom mill-Parlament Ewropew; jinnota li tliet sulari tal-bini ġew sussegwentement rinnovati u aktar minn 100 Kontrullur u membri tal-persunal tal-Bord bidlu uffiċċji; jinnota wkoll li r-rinnovazzjoni kienet tinvolvi l-modernizzazzjoni u l-adattament tal-bini għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġodda wara l-pandemija tal-COVID-19, inkluża ż-żieda ta' sistemi portabbli ta' telekonferenzi;

40. Jinnota li fir-rapport ta' kwittanza tal-2020, il-Parlament Ewropew ħeġġeġ lill-Kontrollur iqis fi ħdan l-istrateġija ta' bini tiegħu l-ħtiġijiet tal-persuni b'mobilità mnaqqsa jew b'diżabilità oħra; jinnota li fit-tweġibiet il-Kontrollur jirreferi għall-Ftehim Amministrattiv li huwa għandu mal-Parlament Ewropew; Iħeġġeġ, madankollu, lill-Kontrollur biex jagħti attenzjoni speċjali lil dan il-qasam fl-istrateġija tal-bini tiegħu;

([4]) https://som.yale.edu/story/2022/over-1000-companies-have-curtailed-operations-russia-some-remain

Ambjent u sostenibbiltà

41. Jilqa' l-fatt li l-Kontrollur kompla l-ħidma tiegħu biex l-istituzzjoni tkun waħda mingħajr karti, inkluż billi jiżgura li ċ-ċiklu tal-ħlas għall-fatturi jiġi mmaniġġjat b'mod elettroniku, li l-proċessi ta' selezzjoni u ta' valutazzjoni fi ħdan ir-riżorsi umani jiġu mmaniġġjati mingħajr karti;

42. Jilqa' l-fatt li l-Kontrollur ikompli jħeġġeġ l-użu tat-trasport pubbliku billi jirrimborża 50 % tat-tariffi ta' kull xahar/annwali għat-trasport pubbliku u jkompli jalloka biżżejjed spazju fil-faċilitajiet tal-garaxxijiet tiegħu sabiex il-membri tal-persunal jipparkjaw r-roti tagħhom;

43. Jinnota li l-Kontrollur iddikjara li se jistħarreġ dwar il-pjanijiet għall-installazzjoni ta' pannelli solari fuq il-bini mikri mill-Parlament Ewropew u jħeġġeġ lill-Kontrollur biex jaħdem favur l-installazzjoni ta' dawn il-pannelli;

Kooperazzjoni interistituzzjonali

44. Jilqa' l-kooperazzjoni bejn il-Kontrollur fir-rwol superviżorju tiegħu u l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji l-oħra tal-Unjoni u speċjalment l-UPPE bħala korp li għadu kif ġie stabbilit;

45. Jilqa' l-fatt li l-Kontrollur qed jissorvelja mill-qrib l-evalwazzjoni tal-proġett tal-euro diġitali mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) dwar kwistjonijiet bħad-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* personali; jirrikonoxxi l-ħtieġa li l-Kontrollur ikollu riżorsi addizzjonali sabiex jissorvelja dan il-proġett;

46. Jilqa' l-inizjattiva proposta mill-Kontrollur biex jistabbilixxi grupp ta' esperti ta' appoġġ magħmul kemm mill-Bord kif ukoll minn esperti esterni biex jakkumpanjaw lill-Awtoritajiet Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-*Data* fil-ħidma tagħhom dwar investigazzjonijiet u attivitajiet ta' infurzar ta' interess komuni sinifikanti;

47. Jinnota li l-Kontrollur kellu djalogu mal-Europol dwar l-ipproċessar tiegħu ta' settijiet ta' *data* fuq skala kbira sabiex jiżgura li d-*data* tiġi pproċessata b'mod konformi; jinnota li, minn Settembru 2020, il-Kontrollur enfasizza diversi drabi t-tħassib serju tiegħu relatat mal-minimizzazzjoni tad-*data* u ż-żamma ta' settijiet ta' *data* li ma għandhomx klassifikazzjoni tas-suġġett tad-*data*; iħeġġeġ lill-Kontrollur ikompli d-djalogu sabiex jindirizza dawn il-problemi;

48. Jinnota li l-Kontrollur ma kkonkluda l-ebda ftehim interistituzzjonali ġdid matul l-2021 iżda rreveda Ftehim Amministrattiv mal-Parlament Ewropew bil-ħsieb li joħloq uffiċċju tal-Kontrollur permanenti fil-bini tal-Parlament fi Strażburgu, li se jippermetti wkoll rabta aktar mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropa u se jiffaċilita spezzjonijiet regolari ta' bażijiet tad-*data* tal-eu-LISA, li qed jipproċessaw *data* personali fuq skala kbira;

49. Jirrikonoxxi ż-żewġ investigazzjonijiet rigward trasferimenti ta' *data* personali lil pajjiżi mhux tal-UE/taż-ŻEE mnedija fil-qafas tal-Istrateġija Schrems II tal-Kontrollur;

Kommunikazzjoni

50. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Kontrollur, fl-2021, organizza diversi avvenimenti li servew ukoll biex ikabbru r-rwol tiegħu u biex il-pubbliku ġenerali jifhem il-missjoni tiegħu, inkluż il-Jum għall-Protezzjoni tad-*Data*, Jum l-Ewropa, il-konferenza tat-trainees u l-podcasts tal-Kontrollur, is-Summit tas-Soċjetà Ċivili tal-Kontrolluri, il-Kompjuters annwali, il-Konferenza dwar il-Protezzjoni tal-Privatezza u d-*Data*, l-Assemblea Globali tal-Privatezza u l-konferenza dwar il-Futur tal-Protezzjoni tad-*Data*;

51. Japprezza l-fatt li l-Kontrollur ħejja fażi pilota pubblika ta' żewġ pjattaformi tal-media soċjali, EU Voice u EU Video, li tnedew fl-2022 biex jippromwovu l-użu ta' teknoloġiji deċentralizzati, b'xejn u b'sors miftuħ bħala alternattiva għan-networks soċjali; jifhem li dawn l-inizjattivi pilota jikkontribwixxu għall-istrateġija tal-Unjoni għad-*data* u s-sovranità diġitali li għandha l-għan li trawwem l-indipendenza tal-Unjoni fid-dinja diġitali;

52. Jilqa' l-isforzi tal-Kontrollur biex jimmonitorja, u jispjega lill-pubbliku ġenerali, l-iżviluppi emerġenti fit-teknoloġija u l-impatt potenzjali tagħhom fuq il-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza, permezz tar-rapporti TechDispatch u TechSonar; jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' impjegati addizzjonali teknikament kwalifikati biex jiġi żgurat is-segwitu xieraq ta' dawn il-kompiti; jinnota b'sodisfazzjon li l-inizjattiva TechDispatch ingħatat il-Premju tal-2021 għall-Protezzjoni tal-Privatezza u tad-*Data* Globali "Edukazzjoni u Sensibilizzazzjoni Pubblika", fl-okkażjoni tat-43 Assemblea globali dwar il-Privatezza tal-2021; iħeġġeġ lill-Kontrollur iżid il-kapaċitajiet tiegħu fil-qasam tal-monitoraġġ tat-teknoloġija u jniedi kampanji ta' informazzjoni dwar is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu.